

Rakkomandazzjonijiet

dwar l-analiżi tal-kwalità tal-assi



Rakkomandazzjonijiet dwar l-analiżi tal-kwalità tal- assi

Werrej

1.	Sommarju eżekuttiv	3
2.	Sfond u loġika	5
3.	Rakkomandazzjonijiet tal-EBA dwar l-analiżi tal-kwalità tal- assi	6
	Anness I – Lista ta' awtoritajiet kompetenti	9
	Anness II – Prattika tajba għat-twettiq tal-analiżi tal-kwalità tal- assi	11
4.	Konferma tar-Rakkomandazzjoni dwar il-konformità	17

1. Sommarju eżekuttiv

Bħala parti minn sforz kontinwu sabiex tinġieb għal li kienet il-fiduċja fis-settur bankarju tal-UE, l-EBA qed toħroġ rakkomandazzjonijiet lill awtoritajiet kompetenti li kienu jitolbu li l-awtoritajiet kompetenti parteċipanti jwettqu analiżi tal-kwalità tal-assi (AQRs) għal kategoriji ta' assi li huma meqjusa bħala riskju għoli. L-objettiv tar-rakkomandazzjonijiet huwa li jikkontribwixxu għal approċċ aktar uniformi fl-evalwazzjonijiet mill-awtoritajiet kompetenti tal-portafolli tal-krediti bankarji, inklużi proviżjonament u klassifikazzjoni tar-riskji, bil-għan li jiġu appoġġjati livelli kapitali prudenti biżżejjed u provvedimenti intenzi biex ikopru r-riskji assoċjati ma' dawn l-esponimenti.

Dawn ir-rakkomandazzjonijiet jippromwovu l-konsistenza fil-proċess u l-eżiti tal-AQRs fil-livell Ewropew sabiex b'hekk ikunu jistgħu jittaffew id-dubji dwar il-kwalità tal-assi fl-UE kollha.

L-AQRs jibqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-awtoritajiet kompetenti. L-awtoritajiet kompetenti huma rakkomandati li jivvalutaw u jidentifikaw il-kategoriji tal-assi b'riskju għoli fil-portafolli tal-krediti bankarji. Din il-valutazzjoni, li għandha tiġi kondiviża mal-kulleġġi rilevanti tas-superviżuri, għandha tiżgura li l-portafolli riskjużi jkunu vvalutati sewwa għal kull bank li jiġi analizzat. B'dawn ir-rakkomandazzjonijiet, l-EBA bi nsielha tipprovdi xi konsistenza u koordinazzjoni fil-prattiki tajbin li għandhom jiġu segwiti b'mod volontarju mill-awtoritajiet kompetenti.

Dawn ir-rakkomandazzjonijiet tfasslu biex jaħdmu id f'id mal-ħidma eżistenti u/jew ipplanata fuq l-AQRs. Il-ħidma tal-mekkaniżmu superviżorju uniku (SSM) u l-pjanijiet tiegħu għal valutazzjoni tal-karta tal-bilanċ għandhom jiġu appoġġjati iżda mhux ristretti. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet se jiżguraw biżżejjed spazju għall-SSM u għal awtoritajiet kompetenti oħrajn sabiex ikunu jistgħu jikkjarifikaw l-objettivi, l-iskeda ta' żmien, l-aspettattivi u l-proċess tal-AQRs li twettqu diġà, li għandhom għaddejjin u li huma pplanati. Fl-istess waqt, dawn ir-rakkomandazzjonijiet se jipprovdu lill-Istati Membri mhux assoċjati mal-SSM, li sa issa għandhom ma nvolvewx ruħhom f'AQR, b'qafas sabiex ikunu jistgħu jmxexxhom 'il quddiem. Fejn il-banek joperaw barra l-SSM jew altrimenti tul il-fruntieri fl-UE, il-kulleġġi tas-superviżuri se jiġu involuti f'dan l-eżerċizzju. Dawn għandhom jiffaċilitaw l-iskambju tal-informazzjoni u, fejn applikabbli u fuq talba tas-superviżur li jikkonsolida, jikkontribwixxu għall-analiżi mwettqa għall-banek transkonfinali. Ir-riżultati ser jiġu kkomunikati lill-kulleġġ u lill-EBA. F'dan il-kontest, għandhom jiġu diskussi miżuri maħsuba biex itejbu l-proviżjonament u l-kopertura tar-riskji, kif ukoll miżuri oħrajn meqjusa bħala neċessarji u li jindirizzaw kwalunkwe nuqqasijiet b'mod adegwat.

Meta janalizzaw ir-riżultati, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddiskutu u jikkontestaw l-eżiti u jikkunsidraw li jieħdu azzjonijiet sussegwenti. Bħala riżultat, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu jistgħu jikkontestaw id-dejta rċevuta mill-banek u, jekk ikun xieraq, jirakkomandaw miżuri, pereżempju, li jaġġustaw it-telf mis-self, il-proviżjonament jew kwalunkwe miżura oħra meqjusa bħala xierqa mill-awtoritajiet kompetenti sabiex jindirizzaw kwalunkwe nuqqas.

Filwaqt li tirrispetta l-ħtiġijiet tal-komunikazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti, l-EBA sejra tagħmel użu mill-informazzjoni pprovduta minnhom sabiex tabbozza rapport li jiġbor fil-qosor l-eżiti ewlenin tad-diversi AQRs u tipprovdi xi informazzjoni b'mod konsistenti fost il-ġurisdizzjonijiet dwar il-passi li ttieħdu u l-materjalità tal-eżiti.

Dawn ir-rakkomandazzjonijiet kienu s-suġġett ta' konsultazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti rilevanti, iżda mhux ta' konsultazzjoni pubblika, minħabba li tfaßlu fir-rigward tar-responsabbiltajiet superviżorji u minħabba li jindirizzaw is-sitwazzjoni ta' istituzzjonijiet individwali aktar milli jiffurmaw parti minn politika ġenerali. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet se jrin jġu ppubblikati fuq is-sit elettroniku tal-EBA.

2. Sfond u loġika

L-EBA għamlet xi żmien timmonitorja t-tolleranza u l-kwalità tal-assi fil-kuntest tal-ambjent ekonomiku li kien qed jiddeterjora. Din l-analiżi turi d-deterjorazzjoni fil-kwalità tal-assi madwar l-UE, għalkemm hija notevolment differenti fost ir-reġjuni, il-banek u l-portafolli.

Tajjeb ngħidu li għad hemm tħassib dwar il-politiki tat-tolleranza u l-konsistenza tal-valutazzjonijiet tal-kwalità tal-assi madwar l-UE. Fid-dawl ta' varjetà ta' definizzjonijiet, l-EBA ppubblikat definizzjonijiet konsistenti ta' tolleranza u self improduttiv¹ li għandhom jiġu applikati fl-UE kollha. Dawn għandhom jgħinu sabiex tiġi pprovduta bażi komparabbli għall-valutazzjoni tal-karti tal-bilanċ mill-awtoritajiet kompetenti.

Ħafna awtoritajiet kompetenti intensifikaw il-miżuri eżistenti sabiex jimmonitorjaw il-kwalità tal-assi; madankollu, ma hemm ebda stampa trasparenti u unika tal-firxa tal-kwistjonijiet li jikkonċernaw il-kwalità tal-assi fl-UE kollha. Għaldaqstant, hemm bżonn ta' ċertu livell ta' koordinazzjoni fil-komunikazzjoni fl-UE kollha dwar l-eżerċizzji tal-kwalità tal-assi bil-għan li jiġu indirizzati l-preokkupazzjonijiet superviżorji u tas-suq.

L-AQRs qegħdin jintużaw dejjem aktar bħala metodu ta' identifikazzjoni bir-reqqa tat-telf potenzjali fis-setturi finanzjarji ta' xi pajjiżi, filwaqt li jiffurmaw komponent sostanzjali ta' ħidma ta' ristrutturar bankarju, kif ukoll jidhru f'ħafna programmi superviżorji kontinwi. Fil-mument, hemm differenzi kemm fl-approċċ u, aktar importanti, fil-komunikazzjoni dwar l-AQRs fl-UE kollha. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet dwar l-AQRs jiffokaw fuq kampjun ta' banek fl-UE li huma meqjusa bħala rilevanti mill-awtoritajiet kompetenti. Minħabba l-flessibbiltà meħtieġa għal dawn ir-rakkomandazzjonijiet, il-kampjun finali tal-banek huwa taħt il-kontroll tal-awtoritajiet kompetenti iżda għandu jinkludi l-entitajiet rilevanti kollha, filwaqt li dawk li kienu soġġetti għar-rakkomandazzjoni ta' rikapitalizzazzjoni għandhom jitqiesu bħala prijorità għolja.

Dawn ir-rakkomandazzjonijiet għandhom jgħinu sabiex jidentifikaw l-oqsma potenzjalment problematiċi fi ħdan ir-reġjuni, il-banek u l-portafolli u jipprovdu informazzjoni suffiċjenti dwar il-monitoraġġ tal-kwalità tal-assi bħala riassigurazzjoni ulterjuri li l-problemi tar-riskju residwu mhumiex ser idgħajfu l-fiduċja fis-sistema bankarja tal-UE.

¹ EBA/ITS/2013/03

3. Rakkomandazzjonijiet tal-EBA dwar l-analiżi tal-kwalità tal-assi

L-istatus ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet

Dan id-dokument fih rakkomandazzjonijiet maħruġa skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru. 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (l-Awtorità Bankarja Ewropea), li jemenda d-Deċiżjoni Nru. 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE ('ir-Regolament tal-EBA'). Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament tal-EBA, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz sabiex jikkonformaw mar-rakkomandazzjonijiet.

Ir-rakkomandazzjonijiet jistipulaw il-fehma tal-EBA dwar prattiki superviżorji xierqa fis-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja u dwar kif għandha tiġi applikata l-liġi tal-Unjoni Ewropea f'qasam partikolari. Għalhekk, l-EBA tistenna li l-awtoritajiet kompetenti kollha li lilhom huma indirizzati r-rakkomandazzjonijiet jikkonformaw magħhom. L-Awtoritajiet kompetenti li għalihom japplikaw ir-rakkomandazzjonijiet għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki superviżorji tagħhom, kif xieraq (pereżempju billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom).

Rekwiżiti tar-rapportar

Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament tal-EBA, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-EBA dwar jekk humiex konformi jew jekk għandhomx il-ħsieb li jikkonformaw ma' dawn ir-rakkomandazzjonijiet, jew inkella jgħidu x'inhuma r-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, sat-23 ta' Diċembru 2013.² Fin-nuqqas ta' notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti jitqiesu mill-EBA bħala mhux konformi. In-notifiki għandhom jintbagħtu permezz tas-sottomissjoni tal-formola pprovduta fit-Taqsima 5 lil compliance@eba.europa.eu bir-referenza 'EBA/Rec/2013/XX'. In-notifiki għandhom jiġu sottomessi minn persuni b'awtorità xierqa li jirrapportaw f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom.

In-notifiki sejrini jiġu ppubblikati fuq is-sit elettroniku tal-EBA skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament tal-EBA.

² Fil-każ tal-Bank Ċentrali Ewropew, għandha tiġi pprovduta notifika fi żmien xahrejn mid-data li jsir awtorità kompetenti.

Titolu I – Suġġett, kamp ta’ applikazzjoni u definizzjonijiet

1. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet jikkonċernaw it-twettiq mill-awtoritajiet kompetenti tal-analiżi tal-kwalità tal-assi (AQRs) fuq l-istituzzjonijiet ta’ kreditu fir-rigward tal-kategoriji tal-assi u l-esponimenti meqjusa bħala riskju għoli bħala parti mis-sorveljanza superviżorja tagħhom ta’ dawk l-istituzzjonijiet skont id-Direttiva 2006/48/KE³. L-objettiv ta’ dawn ir-rakkomandazzjonijiet huwa li jikkontribwixxu għal approċċ aktar uniformi fl-evalwazzjoni tal-portafolli ta’ kreditu tal-istituzzjonijiet ta’ kreditu, inklużi l-proviżjonament u l-klassifikazzjoni tar-riskji, sabiex jiġu appoġġati livelli kapitali li jkunu prudenti biżżejjed u dispożizzjonijiet li jkopru r-riskji assoċjati ma’ dawn l-esponimenti.
2. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet japplikaw għall-awtoritajiet kompetenti elenkati fl-Anness I.
3. Id-definizzjonijiet li ġejjin japplikaw:
 - Safejn ikun possibbli u xieraq, id-definizzjoni ta’ ‘espożizzjonijiet inproduttivi’ hija dik fil-paragrafi 145 sa 157 tal-abbozz finali tal-ITS inkluż fl-EBA/ITS/2013/03⁴.
 - Safejn ikun possibbli u xieraq, id-definizzjoni ta’ ‘tolleranza tad-dejn’ hija dik fil-paragrafi 163 sa 179 tal-abbozz finali tal-ITS inkluż fl-EBA/ITS/2013/03⁵. Id-definizzjonijiet fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2006/48/KE japplikaw ukoll .

Titolu II – Rakkomandazzjonijiet

4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu analiżi tal-kwalità tal-assi rilevanti kollha tal-istituzzjonijiet ta’ kreditu. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jittrattaw bħala prijorità għolja lill dawk l-istituzzjonijiet ta’ kreditu li huma elenkati fl-Anness II għar-Rakkomandazzjoni tal-Awtorità Bankarja Ewropea tat-8 ta’ Diċembru 2011 dwar il-ħolqien u s-sorveljanza superviżorja tar-riżervi kapitali temporanji bil-għan li titrawwem mill-ġdid il-fiduċja fis-suq (EBA/REC/2011/1).
5. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw u jidentifikaw liema kategoriji ta’ assi u/jew esponimenti jeħtieġu analiżi tal-kwalità tal-assi, abbażi ta’ valutazzjoni tal-materjalità u tar-riskju.
6. Il-profondità tal-analiżi li trid titwettaq tiddependi mill-valutazzjoni tal-materjalità u tar-riskju.

³ Direttiva 2006/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta’ Ġunju 2006 rigward il-bidu u l-eżerċizzju tan-negożju tal-istituzzjonijiet ta’ kreditu, ĠU L 177, 30.6.2006, p.1.

⁴ L-Abbozz finali tal-Istandards Tekniċi Implimentattivi tal-EBA dwar ir-rapportar superviżorju tat-tolleranza u l-esponimenti inproduttivi skont l-artikolu 99(4) tar-Regolament (UE) 575/2013 [EBA/ITS/2013/03]

⁵ ibid

-
7. Meta l-istituzzjoni ta' kreditu jkollha kulleġġ stabbilit ta' superviżuri fis-seħħ, l-għażla tal-kategoriji tal-assi u/jew tal-esponimenti għandha tiġi kkomunikata lil u diskussa fi ħdan il-kulleġġ, fejn l-attivitajiet jestendu 'lil hinn mill-SSM.
 8. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu analiżi tal-kwalità tal-assi filwaqt li jikkunsidraw il-prattiki tajbin identifikati mill-EBA u deskritti fl-Anness II għal dawn ir-rakkomandazzjonijiet.

Titolu III – Dispożizzjonijiet finali u implimentazzjoni

9. Il-komunikazzjoni tal-eżiti tal-AQR mill-EBA se tirrispetta b'mod sħiħ il-ħtiġijiet tal-komunikazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti. B'mod partikolari, l-SSM jista' jkollu bżonn jiżviluppa l-politika ta' komunikazzjoni tiegħu għall-eżiti tal-valutazzjoni tal-karta tal-bilanċ li se jwettaq qabel jassumi l-funzjonijiet operattivi sħaħ tiegħu, b'konformità mar-regolament dwar l-SSM.
10. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ilestu l-AQR tagħhom sa mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru 2014. L-eżitu preliminari tal-AQR għandu jiġi rrapportat lill-EBA mill-aktar fis possibbli sabiex jiġi żgurat li dan ikun jista' jittieħed f'kunsiderazzjoni u tappoġġa t-test tal-istress għall-UE kollha li mistenni jitwettaq fl-2014.
11. L-awtoritajiet kompetenti huma mitluba li jirrapportaw lill-EBA, b'mod konsistenti, mill-aktar fis possibbli wara l-konklużjoni tal-AQRs tagħhom.

Anness I – Lista ta' awtoritajiet kompetenti

L-Awstrija	Finanzmarktaufsicht (L-Awtorità tas-Suq Finanzjarju)
Il-Belġju	Il-Bank Nazzjonali tal-Belġju
Il-Bulgarija	Il-Banek Nazzjonali Bulgari
Il-Kroazja	Hrvatska Narodna Banka (Il-Bank Nazzjonali Kroat)
Ċipru	Il-Bank Ċentrali ta' Ċipru
Ir-Repubblika Ċeka	Ceska Narodni Banka (Il-Bank Nazzjonali Ċek)
Id-Danimarka	Finanstilsynet (L-Awtorità Daniża għas-Superviżjoni Finanzjarja)
L-Estonja	Finantsinspeksioon (L-Awtorità għas-Superviżjoni Finanzjarja)
Il-Finlandja	Finanssivalvonta (L-Awtorità Finlandiża għas-Superviżjoni Finanzjarja)
Franza	Autorité de Contrôle Prudentiel (L-Awtorità għall-Kontroll Prudenzjali)
Il-Ġermanja	Bundesanstalt für Finanzdienstleistungsaufsicht (L-Awtorità Federali għas-Superviżjoni Finanzjarja)
Il-Greċja	Il-Bank tal-Greċja
L-Ungerija	Magyar Nemzeti Bank (Il-Bank Nazzjonali Ungeriż)
L-Irlanda	Il-Bank Ċentrali tal-Irlanda
L-Italja	Banca d'Italia (Il-Bank tal-Italja)
Il-Latvja	Finansu un Kapitla Tirus Komisija (Il-Kummissjoni tas-Suq Finanzjarju u Kapitali)
Il-Litwanja	Lietuvos Bankas (Il-Bank tal-Litwanja)
Il-Lussemburgu	Commission de Surveillance du Secteur Financier (Il-Kummissjoni għas-Superviżjoni tas-Settur Finanzjarju)
Malta	L-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji
Il-Pajjiżi I-Baxxi	De Nederlandsche Bank (Il-Bank Nazzjonali tal-Pajjiżi I-Baxxi)
Il-Polonja	Komisja Nadzoru Finansowego (L-Awtorità Pollakka għas-Superviżjoni Finanzjarja)
Il-Portugall	Banco de Portugal (Il-Bank tal-Portugall)
Ir-Rumanija	Banca Națională a României (Il-Bank Nazzjonali tar-Rumanija)
Is-Slovenja	Banka Slovenije (Il-Bank tas-Slovenja)
Is-Slovakkja	Narodna Banka Slovenska (Il-Bank Nazzjonali tas-Slovakkja)
Spanja	Banco de España (Il-Bank ta' Spanja)
L-Isvezja	Finansinspektionen (L-Awtorità Svediża għas-Superviżjoni Finanzjarja)
Ir-Renju Unit	Prudential Regulation Authority (L-Awtorità għar-Regolamentazzjoni Prudenzjali)
	Il-Bank Ċentrali Ewropew ⁶

⁶ Dawn ir-rakkomandazzjonijiet se jrid jibdeu japplikaw għall-Bank Ċentrali Ewropew wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kunsill propost li jikkonferixxi kompiti speċifiċi fuq il-Bank Ċentrali Ewropew rigward il-politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu (COM(2012) 511 finali).

Awtoritajiet kompetenti taż-ŻEE-EFTA⁷

L-Islanda	Fjármálaeftirlitið (L-Awtorità Islandiża għas-Superviżjoni Finanzjarja - FME)
Il-Liechtenstein	Finanzmarktaufsicht - FMA (L-Awtorità tas-Suq Finanzjarju)
In-Norveġja	Finanstilsynet (L-Awtorità Norveġiża għas-Superviżjoni Finanzjarja)

⁷ L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati taż-ŻEE-EFTA bħalissa mhumiex mitluba li jikkonfermaw il-konformità mal-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet tal-EBA. Għalhekk, dawn ir-rakkomandazzjonijiet japplikaw għalihom fuq bażi volontarja.

Anness II – Prattika tajba għat-twettiq tal-analiżi tal-kwalità tal-assi

Abbażi tal-esperjenza tal-esperti minn madwar l-Unjoni Ewropea li wettqu, jew qegħdin iwettqu, diversi AQRs li huma addattati għaċ-ċirkostanzi u r-rekwiżiti tagħhom, dan l-Anness jistipula xi eżempji ta' prattika tajba identifikati mill-esperti. Dan ma jfissirx li l-passi kollha deskritti hawn taħt huma dejjem rilevanti għall-kategoriji tal-assi u/jew għall-esponimenti kollha. Minflok, dawn huma passi li jistgħu jiġu kkunsidrati u evalwati skont il-materjalità u r-rilevanza għall-kategoriji tal-assi u/jew għall-esponimenti ta' prijorità.

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom l-għan li jagħżlu l-kategoriji tal-assi u/jew l-esponimenti bl-użu tal-gwida tar-riskji u tal-materjalità pprovduta hawn taħt, safejn ikun possibbli, u billi jsegwu l-proċess deskritt hawn taħt.
2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom l-għan li jwettqu l-AQRs bl-użu ta' analiżi kwantitattiva u kwalitattiva fil-fond tas-sett magħżul ta' kategoriji ta' assi u/jew esponimenti, billi jiddeterminaw liema passi huma l-aktar xierqa abbażi tal-valutazzjoni tagħhom tal-materjalità u tar-riskji.

Kompiti tipiċi mwettqa fuq livell globali tal-kotba tas-self

L-integrità tad-dejta, il-klassifikazzjoni tar-riskji u analiżi kwantitattiva tal-portafoll

3. Bħala punt ta' tluq għal AQR, l-awtoritajiet kompetenti jindikaw li valutazzjoni tal-integrità tad-dejta bbażata fuq l-istandards tal-kontabbiltà u l-klassifikazzjoni korretta tar-riskji ta' spiss titwettaq flimkien ma' analiżi kwantitattiva tal-portafoll tal-kotba tas-self globali.
4. Bil-għan li jiżguraw li jkun hemm punt ta' tluq effettiv, l-awtoritajiet kompetenti jivverifikaw il-kwalità u l-integrità tad-dejta u l-allokazzjoni xierqa tal-esponimenti fil-kategoriji tar-riskji, inklużi l-kategoriji tal-assi u/jew l-esponimenti tal-kotba tas-self globali. Huma jistgħu:
 - a. jivvalutaw jekk il-klassifikazzjonijiet tas-self fil-kategoriji tal-assi humiex korretti u jekk il-konfini bejn is-(sub-)portafolli humiex ċari u applikati b'mod konsistenti tul il-grupp bankarju sħiħ (eż. self lil SMEs: kategorija separata, parzjalment inkluża fil-portafoll korporattiv u parzjalment inkluża fil-portafoll bl-imnut);
 - b. jevalwaw is-segmenti / subkategoriji użati mill-istituzzjonijiet ta' kreditu – inklużi definizzjonijiet u konfini – għal-livelli differenti tal-kwalità tas-self (eż. riskju baxx, attenzjoni tal-maniġment, lista ta' sorveljanza, substandard, ristrutturati/innegożjat mill-ġdid, ittollerat, improduttivi));
 - c. jivverifikaw jekk hemmx definizzjoni default koerenti u/jew definizzjoni improduttiva u kif dawn jiġu mqabbla mad-definizzjoni dwar l-'espożizzjonijiet improduttivi' stabbiliti fil-paragrafi 145 sa 157 tal-abbozz finali tal-ITS inkluż fl-EBA/ITS/2013/03;

-
- d. janalizzaw il-karatteristiċi u l-istruttura tal-portafoll fid-dawl tas-segmentazzjoni msemmija taħt il-punt (b) hawn fuq.
5. Abbażi ta' valutazzjoni tal-materjalità u tar-riskji, kif ukoll abbażi tad-differenzi fil-profondità u l-wisa' tal-portafoll inizjali, jistgħu jkunu meħtieġa u ġustifikabbli analiżi ulterjuri.
6. Tali analiżi ulterjuri ta' spiss tiġi kkunsidrata minn dawn li ġejjin:
- il-valur tal-esponiment
 - il-maturità
 - il-kollateralizzazzjoni
 - il-klassifikazzjoni tar-riskji
 - it-tip ta' assi
 - id-distribuzzjoni reġjonali
 - is-sena tas-sottoskrizzjoni (analiżi inizjali)
 - il-konċentrazzjonijiet ewlenin
 - il-proviżjonament
 - il-proporzjon tal-kopertura.

Monitoraġġ u sottoskrizzjoni tas-self

7. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jivvalutaw il-prattiki ta' monitoraġġ u sottoskrizzjoni tas-self tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, li huma rilevanti għas-segmentazzjoni inizjali.

Kompiti fuq livell ta' portafoll speċifiku

8. Wara li tiġi vvalutata l-kwalità tad-dejta fost il-portafoll tas-self, ta' spiss issegwi valutazzjoni tal-portafoll ta' prijorità. Din l-analiżi tillimita liema kategoriji tal-assi u portafolli speċifiċi għandhom ikunu l-enfasi tal-analiżi aktar iddettaljata deskritta hawn taħt.

Tolleranza

9. Bl-użu, safejn ikun possibbli u xieraq, tad-definizzjoni ta' tolleranza fil-paragrafu 3 ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet, l-awtoritajiet kompetenti jidentifikaw l-użu potenzjali tat-tolleranza u l-impatt tagħha fuq il-valutazzjoni. Huma jistgħu:
- a. jivvalutaw kif inhu definit ir-ristrutturar; jivverifikaw jekk id-definizzjoni hijiex uniformi tul il-grupp bankarju u jqabblu d-definizzjoni interna ma' dik armonizzata;
 - b. jivverifikaw jekk ir-rapportar konsistenti tal-esponimenti ittollerati huwiex fis-seħħ u jekk l-esponimenti ttollerati humiex immarkati b'mod sistematiku fis-sistema/i ta' rapportar fost l-istituzzjoni ta' kreditu;
 - c. jivvalutaw jekk il-proċessi u l-politiki definiti humiex fis-seħħ għall-applikazzjoni tal-prattiki tat-tolleranza u jikkunsidraw jekk dawn humiex definiti tul il-grupp bankarju;

-
- d. jikkwantifikaw l-ammont ta' ittollerati fil-portafoll analizzat;
 - e. jivvalutaw jekk is-self ittollerat u ristrutturatur huwiex proviżjonat biżżejjed jew le;
 - f. janalizzaw kampjun ta' self ittollerat sabiex ikunu jistgħu jivvalutaw jekk tali self ġie ikklassifikat kif suppost;
 - g. jidentifikaw l-istandards u l-proċeduri għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u l-aġġornar tal-profili tar-riskju tas-self u tal-prestazzjoni tas-self.

Self improduttiv u ġestjoni tal-arretrati

- 10. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jivvalutaw kif l-istituzzjonijiet ta' kreditu jġestixxu s-self improduttiv (skont id-definizzjoni armonizzata ta' esponimenti improduttivi safejn ikun possibbli (il-paragrafi 145 sa 157 tal-abbozz finali tal-ITS inkluż fl-EBA/ITS/2013/03), kif ukoll kif iġestixxu l-arretrati. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu:
 - a. jivvalutaw l-eżistenza/funzjonament tad-dipartimenti li jagħmlu f'ħasijiet lura u l-politiki relatati (is-sistemi ta' twissija bikrija, il-kondizzjonijiet għat-trasferiment tal-klijenti fil-ftehim ta' f'has lura, ir-ristrutturazzjonijiet, il-proċeduri legali, eċċ.);
 - b. jidentifikaw il-proċessi għall-ġbir bikri u tard u l-effiċjenza tagħhom (eż. analiżi tal-ġranet li għaddew min'ħabba l-istatus tal-klijenti));
 - c. jivvalutaw il-kondizzjonijiet għat-trasferiment tal-klijenti lura fil-portafoll produttiv jew barra mill-karta tal-bilanċ;
 - d. jikkwantifikaw il-bejgħ potenzjali tal-assi/portafolli f'diffikultà.

Il-ġestjoni u l-valutazzjoni tal-kollateral

- 11. L-awtoritajiet kompetenti ta' spiss jivvalutaw kif l-istituzzjonijiet ta' kreditu jevalwaw, iġestixxu u jimmonitorjaw il-kollateral. B'mod partikolari, huma jistgħu:
 - a. jevalwaw kif tiġi allokata r-responsabbiltà għall-evalwazzjoni tal-kollateral (evalwazzjoni interna versus esterna) u l-indipendenza tagħhom għas-sottoskrizzjoni tas-self;
 - b. jiġbru evidenza dwar il-frekwenza tal-evalwazzjonijiet, ir-raġunijiet għar-rivalutazzjoni u l-età tal-evalwazzjonijiet;
 - c. jivvalutaw kif inhuma derivati u vvalidati l-haircuts u l-parametri tal-evalwazzjoni u jekk dawn humiex ibbażati fuq dejta storika. Barra minn hekk, huma jivvalutaw ir-rabta mal-proviżjonament, speċifikament jekk din id-dejta (il-valuri tal-kollateral intern) tintużax sabiex jiġi derivat il-livell tal-proviżjonijiet;

-
- d. jivvalutaw l-għodod tar-rivalutazzjoni statistika għal assi immobiljari żgħar u jinvestigaw l-estimi tal-parametri u kif dawn jiġu vvalidati.

II-kopertura tar-riskji u tal-proviżjonament

12. L-awtoritajiet kompetenti jivvalutaw ukoll jekk il-livell ta' proviżjonijiet u l-kopertura tar-riskji humiex konsistenti mal-kwalità tal-assi fil-portafolli tal-istituzzjonijiet ta' kreditu. B'mod partikolari, huma jistgħu:

- a. jidentifikaw liema regoli japplikaw għall-bini ta' proviżjonijiet tat-telf mis-self u l-kopertura tar-riskji speċifiċi kif ukoll ġenerali, filwaqt li jivvalutaw jekk dawn humiex applikati b'mod konsistenti;
- b. jevalwaw liema parametri jintużaw għall-kalkolu tal-kopertura tar-riskji u tal-proviżjonijiet tat-telf mis-self ġenerali u jekk tali parametri humiex invalidati u adegwati;
- c. iqabblu l-proporzjonijiet tal-kopertura fis-segmenti differenti u, jekk ikun possibbli, iqabbluhom ukoll mal-grupp ta' pari rilevanti;
- d. jivverifikaw jekk il-livell ta' proviżjonament u kopertura tar-riskji f'każijiet individwali huwiex adegwat jew le abbażi ta' kampjun ta' self problematiku;
- e. jivvalutaw jekk ir-rekwiżiti tal-proviżjonament humiex applikati għall-assi preklużi.

Valutazzjoni tal-materjalità u tar-riskji

13. Meta jiġu biex jivvalutaw u jidentifikaw il-kategoriji tal-assi u/jew l-esponimenti li għandhom jiġu analizzati u meta jiġu biex jiddeterminaw il-profondità u l-wisa' tal-analiżi, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jivvalutaw il-materjalità u r-riskji tal-kategoriji tal-assi u/jew l-esponimenti.

14. Meta jiġu biex jivvalutaw il-materjalità u r-riskji, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jikkunsidraw aspetti differenti, fosthom dawn li ġejjin:

- il-fatturi kwantitattivi fuq il-bażi ta':
 - il-livell tal-kategorija tal-assi u/jew tal-portafoll;
 - il-konċentrazzjoni tar-riskji versus id-diversifikazzjoni tar-riskji;
 - il-kollateralizzazzjoni;
 - il-proviżjonament;
 - il-fatturi ambjentali (il-kondizzjonijiet makro-ekonomiċi, pereżempju korrezzjoni qawwija tal-prezzijiet tal-proprjetà immobbli kummerċjali);
- il-fatturi kwalitattivi fuq il-bażi ta':

-
- ir-riskji inerenti;
 - l-effikaċja tal-kontrolli tal-kreditu.
15. Abbażi tal-valutazzjoni tal-materjalità u tar-riskji, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jidentifikaw l-oqsma li jeħtieġu analiżi jew investigazzjoni aktar profonda, inklużi:
- il-kategorija tal-assi u/jew is-sub-portafoll f'livell nazzjonali;
 - il-kategorija tal-assi kwantitattiva u/jew il-livell tas-sub-portafoll ta' istituzzjonijiet ta' kreditu individwali; u
 - il-livell tal-komponenti kwalitattivi ta' kategoriji tal-assi u/jew sub-portafolli individwali.
16. Abbażi ta' din il-valutazzjoni, il-portafolli li huma rilevanti għal AQR effettiva u sinjifikanti jistgħu jiġu identifikati, analizzati u riveduti fid-dettall.

Riżorsi

17. L-awtoritajiet kompetenti jirrimarkaw li, sabiex iwettqu AQR b'mod effettiv, jeħtieġ li jiġu allokati riżorsi adegwati għall-eżerċizzju. Id-daqs tal-eżerċizzju u r-riżorsi għandhom ikunu proporzjonati mhux biss għall-komponenti li għandhom jiġu inklużi, iżda wkoll għall-profondità u l-wisa' tal-valutazzjoni u r-risk/ji tal-materjalità identifikati.
18. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jużaw it-timijiet ta' esperti xierqa sabiex iwettqu l-analiżi, li jistgħu jinkludu l-esternalizzazzjoni għas-superviżuri ospitanti, jew inkella jużaw timijiet imħalltin, għal analiżi tal-portafolli rilevanti.
19. F'xi każijiet, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jikkunsidraw il-possibbiltà li jiddependu mill-appoġġ ta' partijiet terzi għall-finijiet tat-twerttiq tal-analiżi tal-kwalità tal-assi jew partijiet minnha, li xorta waħda għandhom jibqgħu taħt is-sorveljanza u r-responsabbiltà tagħhom.

Rekwiżiti tar-rapportar

20. Ir-rekwiżiti tar-rapportar jistgħu jirriflettu l-livell ta' dettall tal-valutazzjonijiet imwettqa.
21. Ir-rapportar kwantitattiv jista', safejn ikun possibbli, juża oqfsa eżistenti bħal dawk ta' COREP u FINREP.
22. Ir-rapportar għandu jkopri mill-inqas l-oqsma li ġejjin:
- a. Informazzjoni bażika dwar il-banek fil-kampjun;
 - b. klassifikazzjoni tar-riskji fil-portafoll tas-self;
 - c. it-tolleranza u s-self improduttiv;
 - d. il-livelli tal-arretrati u miżuri ta' rizzoluzzjoni tal-arretrati;

-
- e. il-kopertura tar-riskji u l-livelli u l-miri tal-proviżjonament.
23. Ir-rapportar kwalitattiv jista' jsir bl-użu ta' sistema ta' għoti ta' punteġġi stabbilita mill-awtoritajiet kompetenti responsabbli.

It-twettiq ta' AQRs bl-użu tal-kulleġġi tas-superviżuri

L-Ewwel Fażi: Kamp ta' Applikazzjoni

24. L-awtoritajiet kompetenti konsolidattivi tal-istituzzjonijiet ta' kreditu transkonfinali jinformaw lill-kulleġġ li l-AQR sejra titwettaq fuq il-bank inkwistjoni u jiddiskutu l-għażla tal-kategoriji tal-assi u/jew l-esponimenti rilevanti għall-analiżi.
25. L-awtoritajiet kompetenti konsolidattivi jikkondividu r-riżultati tal-valutazzjoni tagħhom tal-materjalità u r-riskji tal-kategoriji tal-assi u/jew tal-esponimenti kemm mas-superviżuri ospitanti tal-UE kif ukoll mal-EBA, billi jużaw il-kriterji tal-materjalità u tar-riskji deskritti hawn fuq.

It-Tieni Fażi: It-twettiq tal-eżerċizzju tal-AQR

26. Is-superviżuri ospitanti jistgħu jiġu mistiedna sabiex jinnominaw esperti bil-għan li jgħinu fit-twettiq tal-analiżi, fejn ikun meħtieġ u xieraq.

It-Tielet Fażi: Il-kondiviżjoni tar-riżultati fil-kulleġġi

27. L-awtoritajiet kompetenti konsolidattivi jinformaw lill-kulleġġ dwar, u jiddiskutu fi f'ndan il-kulleġġ, l-eżitu tal-analiżi. Il-kulleġġ imbagħad janalizza u jiddiskuti r-riżultati.
28. Barra minn hekk, il-kulleġġ jista':
- jekk jiġu affettwati s-sussidjarji, ifittex sabiex isib bażi komuni fir-rakkomandazzjonijiet tagħhom, pereżempju dwar il-proviżjonijiet addizzjonali meħtieġa;
 - ifittex approċċ superviżorju kkoordinat billi jagħmel aġġustamenti xierqa bħala riżultat tal-AQRs.

4. Konferma tar-Rakkomandazzjoni dwar il-konformità

Data:

Membri/Stat taż-ŻEE:

Awtorità kompetenti:

Linji gwida/rakkomandazzjonijiet:

Isem:

Pożizzjoni:

Numru tat-telefon:

Indirizz tal-posta elettronika:

Jien(a) awtorizzat(a) nikkonferma l-konformità mal-linji gwida/mar-rakkomandazzjonijiet f'isem l-awtorità kompetenti tiegħi: **Iva**

L-awtorità kompetenti hija konformi jew għandha l-ħsieb li tikkonforma mal-linji gwida u mar-rakkomandazzjonijiet:

Iva **Le** **Konformità parzjali**

L-awtorità kompetenti tiegħi mhijiex konformi, u ma għandhiex il-ħsieb li tikkonforma, mal-linji gwida u mar-rakkomandazzjonijiet għar-**raġunijiet** li ġejjin⁸:

Detalji tal-konformità parzjali u r-raġunijiet:

Jekk jogħġbok ibgħat din in-notifika lil compliance@eba.europa.eu⁹.

⁸ F'każijiet ta' konformità parzjali, jekk jogħġbok inkludi l-firxa tal-konformità u tan-nuqqas ta' konformità u agħti r-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità għall-oqsma rispettivi tas-suġġett.

⁹ Jekk jogħġbok innota li metodi oħrajn ta' komunikazzjoni ta' din il-konferma ta' konformità, bħall-komunikazzjoni f'indirizz ta' posta elettronika differenti minn dak imsemmi hawn fuq, jew permezz ta' posta elettronika li ma jkunx fiha l-formola meħtieġa, ma jiġux aċċettati bħala validi.